

- b) il-mekkaniżmu tal-protezzjoni internazzjonali, u speċifikament il-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja fl-Istat Membru l-ieħor li jkun diġà ta lill-applikant protezzjoni sussidjarja
- jikser l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 3 tal-KEDB, jew
 - ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 20 *et seq* tad-Direttiva 2011/95/UE, iżda mingħajr ma jikser l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 3 tal-KEDB?
4. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 3(b) tkun fl-affermattiv, dan japplika wkoll meta l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja ma jirċievu l-ebda allowance għall-għajxien, jew flivell nettament inqas meta mqabbel ma' Stati Membri oħra, mingħajr madankollu ma jkunu ttrattati b'mod differenti, f'dan ir-rigward, miċ-ċittadini tal-Istat Membru inkwistjoni?
5. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 2 tkun fin-negattiv:
- a) Ir-Regolament Dublin III japplika fi proċedura għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, meta l-applikazzjoni għall-ażil tkun ġiet issottomessa qabel l-1 ta' Jannar 2014, iżda t-talba għat-teħid lura tkun ġiet issottomessa wara din id-data u l-applikant ikun diġà kiseb qabel (fi Frar 2013) protezzjoni sussidjarja fl-Istat Membru mitlub?
 - b) Ir-Regolamenti Dublin jgħibu magħhom trasferiment – impliċitu – tar-responsabbiltà tal-Istat Membru li jitlob għat-teħid lura ta' applikant, meta l-Istat Membru resposabbli mitlub ikun ċaħad it-talba għat-teħid lura, imressqa fit-terminu previst, skont id-dispożizzjonijiet ta' Dublin u minflok invoka ftehim internazzjonali ta' riammissjoni?

⁽¹⁾ Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas- 26 ta' Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, p. 60).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale della Liguria (l-Italja) fil-31 ta' Mejju 2017 – Amt Azienda Trasporti e Mobilità SpA *et vs* Atpl Liguria – Agenzia regionale per il trasporto pubblico locale SpA u Regione Liguria

(Kawża C-328/17)

(2017/C 309/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale della Liguria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Amt Azienda Trasporti e Mobilità SpA, Atc Esercizio SpA, Atp Esercizio Srl, Riviera Trasporti SpA u Tpl Linea Srl

Konvenuti: Atpl Liguria – Agenzia regionale per il trasporto pubblico locale SpA u Regione Liguria

Domanda preliminari

L-Artikolu 1(1), (2) u (3) u l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvista u għal xogħlijiet] ⁽¹⁾, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti biss il-possibbiltà li jattakkaw id-dokumenti ta'; proċedura ta' sejħa għal offeriti lill-operaturi ekonomiċi li jkunu ppreżentaw applikazzjoni għal parteċipazzjoni fl-imsemmija sejħa għal offeriti, anki meta l-kawża tikkontesta l-proċedura ta' sejħa għal offeriti fil-prinċipju tagħha peress li r-regoli tagħha jirrendu l-għoti wisq improbabli?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvista u għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246).